**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 11 kontinwazzjoni**

**15 ta' Frar 2025**

Il-kontinwazzjoni tal-laqgħa numru 11 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-15 ta' Frar fi 9.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier (online) |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **11.13.2** | Email fuq persuna li tixtieq tapplika biex tarma' l-monti |
| | Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat li l-kunsill irċieva email minn għand persuna li tixtieq tarma l-monti. Hi qrat din l-email. Il-Kunsill iddeċieda li fuq il-monti tal-ħadd hemm waiting list u din il-bejjiegħa setgħet tkun fuq din il-waiting list. Il-monti ta' fost il-Ġimgħa kien mimli ukoll u għalhekk kien ser jinżammu id-dettalji tal-bejjiegħ għal fuq il-waiting list. |
| | |
| | |
| 11.13.3 | Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat li tender tal-bulky kien ilu li għalaq. Hi sabet tender li kien miftuħ imma mhux evalwat u dan kien sar fi 2022. Dan kien validu għal 90 ġurnata u għalhekk m'għadux validu. Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat li ser tiskatta l-proċess għal kanċellazzjoni tat-tender sabiex jerġgħa jinħareġ. |
| | |
| | |
| **11.5** | **Mistoqsijiet lis-Sindku** |
| 11.5.01 | Miriam saqsiet sabiex titwaħħal mera Delimara. Is-Sindku wieġeb li din ordnata imma din ser tkun l-aħħar darba li ser titwaħħal għax qed isir wisq vandaliżmu fuqhom.<br><br>Miriam saqsiet ukoll fuq il-bankina tal-uffiċju ta Alishia Bugeja Said. Is-Sindku qal hekk Miriam tistax isaqsi lil Alishia Bugeja Said sabiex din issir minn naħa tagħha sabiex minn ħabba l-finanzi. |
| | Reno ġibed l-attenzjoni li fl-ewwel mina kien hemm ħafna imbarazz li m'humiex tar-residenti, fosthom umbrelel kbar. –Is-Sindku qal li kienet ser titwaħħal sticker u jitneħħew.<br><br>Reno qal ukoll li hemm bastimenti li ilhom snin fuq il-moll ta' ħdejn il-binja tal-koperattiva tas-Sajd. Is-Sindku qal li ser titwaħħal sticker u jekk kulħadd jaqbel jitneħħew. Miriam qalet li jekk nafu ta' minn huma il-kunsilliera għandom jgħidu lis-sid. Matthew qal li hu jaqbel li jitneħħew imma jekk dawn huma tradizzjonali tal-injam ma jaqbilx li jitkissru. Is-Sindku staqsa fejn ser jitpoġġew hekk ma jitkissrux minħabba l-ispazju. Matthew wieġeb li nistgħu naraw jekk iridhomx il-ministeru jew jiġu irkantati fuq l-EPPS. Għaldaqstant kien hemm deċiżjoni li titwaħħal l-isticker u l-laqgħa li jmiss ttieħed deċiżjoni fuq x'ser isir minnhom. |
| | Matthew saqsa meta ser jitwaħlu t-tabelli tal-parking area tas-sajjieda. Is-Sindku wieġeb li dawn kienu ntbgħatu lil TM u TM ma tatx l-approvazzjoni. Għalhekk jistgħu jitwaħħlu imma ma jkunx hemm enforcement fuqhom.<br><br>Matthew qal ukoll li max-xatt ma kienx hemm tabelli li jgħidu li coaches ma |

jistgħux jidħlu. Is-Sindku qal li ma tistax tgħamel tabella fi Triq Duncan għax imbagħad ma jkunx hemm minn fejn joħorġu. Għalhekk ġie maqbul li tintbgħat email lill-operaturi.

Matthew ġibed l-attenzjoni li fuq id-deċiżjoni ta' Triq l-Arżnell waqt il-laqgħa ġenerali kien hemm ilment għal parking naħa waħda. Is-Sindku qal li l-vot kien ittieħed.

Id-deputat segretarju eżekuttiv kellha lista ta' domandi minn naħa ta' Matthew li kienu intbgħatu qabel u għalhekk bdiet taqra u tirrispondi dawn id-domandi:

- Minuta 2.4.9 – Parkeggi ghas-sajjieda fejn l-islipways – tkellimna ma TM u tweġiba kienet li qed jistennew il-Master Plan.

- Minuta 3.3.6 – Strutturi mal-palm – Din kienet idea li meta jkollna l-finanzi jew toħroġ xi skema issir. bħalissa m'għandix fondi għal dan.

- Minuta 6.3.1 – Aperturi fl-Urban Conservation Area - intbghatet komunikazzjoni ufficjali lill-PA – Id-DES saqsiet għal aktar informazzjoni għax ma sabet xejn fuqha. Matthew spjega li dawk kollha li ser jibnu jew jirranġaw binja f'UCA il-kunsill kien qabel li għandhom jiġu enforzati l-kuluri tradizzjonali. Is-sindku qal ukoll li kien ser jagħamel laqgħa mal-ERA u l-PA għal użu ta' DPA funds tal-powerstation li kienu ser jintużaw fuq ġonna u hekk jibqa' xi flus kien ser jissuġġerixxi li toħroġ skema fuq hekk.

- Minuta 6.3.43 – Gnien fi Triq Maurice Bonnici - Beda x-xoghol mill-Perit? – Fuq dan id-DES qalet li hi u sindku iltqajna mal-perit din sabiex niddiskutu disinn pero bħalma qalilna l-perit irridu naraw ta' minn hi l-art għax il-kunsill m'għandux titlu fuqa. Hu qed ikun qed jiċċekkja u jkellimna lura.

- Minuta 6.4.4 – F'hiex wasalna fuq it-tnehhija tal-wires tad-dawl f'Xatt is-Sajjieda (naha tal-Maghluq). Naprezza jekk tghadduli kopja ta' x'korrispondenzi ntbaghtu. – intbgħatu diversi emails lil enemalta.

- Minuta 6.4.5 – Installazzjoni ta' charging pillars ghall-vetturi elettrici; - intbgħatu diversi emails

- Minuti 6.4.17 / 8.3.4 – Dog Park – fuq din qed jaħdem is-sindku peress irid isir estenzjoni tal-permess kif ukoll jinbidel il-post

- Minuta 7.3.2 – Nixtieq update rigward ir-rilokazzjoni tat-taxis minn Triq Duncan fil-laqgha li jmiss;- TM sa fejn nafu għada ma ħaditx deċiżjoni fuq dan.

| | |
|---|---|
| | - Minuta 7.3.22 – F'hiex waslu t-tabelli l-godda ghall-parkegg riservat ghall-bejjiegha tal-Monti? Din tlabna lil Transport Malta imma qalulna li qed jistennew il-masterplan<br><br>- Minuti 7.3.22 (hemm zball fin-numerazzjoni) / 8.3.4 – Bankini godda fi Triq il-Port Ruman: applikajna mal-public works? Qed nistennew xi pjanti? Tfakkira li x-xoghlijiet ghandhom jinkludu t-thawwil ta' sigar li ma jaghmlux hsara lill-pedament / parapetti;  Din il-Ġimgħa id-DES u sindku iltqaw mal-perit sabiex inkunu nistgħu nibdew il-pjanti.  Imma qabel jeħtieġu survey, li ħa nkunu qed naraw jistgħux jamluh il-public works sabiex nifrankaw mill-ispiża.<br><br>- Minuta 7.3.24 – Gnien hdejn il-Barumbara: saret it-talba lill-gvern? Naprezza kopja tal-korrispondenza. - Irridu naraw minhabba kif ha tisvolġi t-triq tal-Barumbara<br><br>- Minuta 7.4.4 – F'hiex wasalna ghal-cameras fi Triq it-Trunciera? Kellna nikkunsidraw ukoll tibdil fid-disinn tat-traffic island biex jaghmilha aktar difficli li wiehed johrog one way. – Bħalissa m'hemmx fondi allokati għal dan.<br><br>- Minuta 7.4.5 – Box junction mar-roundabout quddiem SPAR: ghandna xi update minghand TM? - Ser inkunu qed nahdmu ma TM fuqha<br><br>- Minuta 7.4.8 – Għeluq tax-Xatt. Kif semmejt fl-aħħar laqgħa nixtieq li din il-proposta titpogga fuq l-agenda tal-laqgha ta' Frar; din kif spjegajt qabel nistgħu nagħmlu laqgħa oħra wara ta' 12 ta' Frar<br><br>- Minuta 8.3.1 – Hasil wara l-monti tal-hut minn bowzer u operator indipendenti. Bdejna noperaw bis-sistema l-gdida?Din għada ma bdietx. Bħalissa qed jaħslu il-begħieha.  Is-Sindku jixtieq li anke skip apposta bi fridge ikollom speċjalment il-fdalijiet tal-ikel.<br><br>- Minuti 8.3.3 / 9.3.5 – Applikajna ghall-Vjal Kulhadd jew ghadna qed nistennew xi pjanti? Jekk qed nistennew, min se jaghmilhom il-pjanti? L-ewwel skema kienet laħqet għalqet pero ser nistaqsu lil Ministru hekk nistgħux napplikaw jew jekk hux ser terġgħa tinfetaħ |

| | |
|---|---|
| | - Minuta 8.4.7 – Palm mejjet f'Xatt is-Sajjieda – nixtieq li tittiehed decizjoni fil-laqgha ta' Frar. Din bħalma tkellimt qabel fuq il-laqgħa ta Frar pero hekk nistgħa niġbed l-attenzjoni li l-finanzi huma li huma<br><br>- Minuta 8.4.8 – Swimming zone gdida fil-Mghaluq – bghatna request lill-TM? – ser inkunu qed nibgħatu lil TM sabiex napplikaw<br><br>- Minuta 8.4.11 – Meta se ssir il-modifika fit-traffic calmer ta' Triq Duncan? - Din is-Sindku ser ikun qed jitkellem mal-kuntrattur li qed jghamel it-triq sabiex jinkludiha fil-proġett. Is-Sindku kompla li avolja kien hemm vot, hu qed jibqa' jgħid li din ġejja ta' periklu.<br><br>- Minuta 9.4.1 – Triq gdida madwar il-Barumbara: beda l-process biex tigi skedata t-triq kif propost mill-gdid? Bħalissa qed niddiskutu mal-ministru ikkonċernat<br><br>- Minuta 9.3.8 – ikkomunikajna ufficjalment ma tal-gelat? Kif tafu qbilna li sal-ahhar ta' Mejju tal-gelat irid jigi compliant kif suppost u jnehhi billejjl. Ser ninsisti fuq dan id-deadline. – Is-Sindku wieġeb li sa fejn jaf hu tal-ġelat ma kellux ineħħi minn hemm. Kull meta dan intalab sabiex jiċċaqlaq dejjem iċċaqlaw minn hemm. Matthew qal li l-post tiegħu hu fuq ġewwa u sa Mejju għandu jneħħi. Daniel qal li l-permess tal-ġelat hu differenti għax għandu permess mill-lands. Din timxi għal laqgħa oħra għad-diskussjoni. |
| | |
| **11.06** | **Nominazzjoni għal evalwatur – Sqaq Busbiesi** |
| | Is-sindku informa li tnejn mill-erba' persuni li ġew avviċinati bħalma inqabel fil-laqgħa preċedenti irrifjutaw. Matthew qal li hu kien ser jissottometti lil persuna u id-DES qalet li hi ukoll taf b'xi evalwaturi kompetenti. Għaldaqstant kellhom jiġu ikkuntattjati dawn il-persuni. Sabiex it-tender jiġi evalwat. |
| | |
| **11.07** | **Kalendarju tal-attivitajiet** |
| | Is-Sindku preżenta l-kalendarju ta' attivitajiet li ħadmu fuqu l-istaff. Dan wara li ġew ikkuntattjati l-għaqdiet tar-raħal. Dan kien ser jintbgħat email. |
| | |
| **11.08** | **Approvazzjoni ta' apparat elettroniku** |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku qal li l-kunsill kellhu bżonn xi apparat mill-MITA Aita li l-installazzjoni tiegħu ser tammonta għal madwar 400Euro. Kien hemm qbil li unanimu li dan jinxtara. |
| | |
| **11.09** | **Esebizzjoni** |
| | Is-Sindku qal li irċieva email ta' persuna li xtaqet ittella' esebizzjoni ta' mużika. Din kienet qed titlob għal permess kif ukoll għad-dawl. Xtaqet ukoll xi għajnuna sabiex iġorr l-equipment kif ukoll projector u screen. Il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi l-permessi b'xejn kif ukoll id-dawl. Peress li ma kienx hemm sejħa u lanqas fondi allokati, il-kunsill ma jistax joħroġ spejjeż. Dan suġġett li ma jkunx hemm attivitajiet oħra fil-ġurnata li qed jipproponi. |
| | |
| **11.10** | **Planning Authority** |
| | Permess ta' wara l-ground fuq il-ġnien ġie ippublikat. Steve wieġeb li l-kunsill sar jaf peress li rċieva l-kont tal-perit |
| | |
| **11.11** | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti |
| | Matthew kien bagħat email b'2 mistoqsijiet. L-ewwel mistoqsija kienet fuq l-infiq immarkati skema SPI5/24 Attivita' Milied. Hu ried ikun jaf x'kienet l-allokazzjoni u hekk in-nefqa hiex ġejja koperta kollha mill-iskema. Id-DES qalet li l-iskema kienet tkopri Euro 15,763 għal Milied u €2,192 Euro għal Karnival. Din kienet 85%, għalhekk il-kunsill ried joħroġ il-co-financing ta' 15%. Total għal Milied kien Euro 18, 127.45 li minnhom intefqu Euro 18,079.17. Il-Kumplament tal-flus miġbura mill-iskema sejrin għal attivita' tal-Milied hekk kif kien approvat mill-istess skema.<br><br>It-tieni domanda kienet fuq item 50, fejn is-sindku spjega li din kienet diskussa f'laqgħat preċedenti u kulħadd kien qabel ma dan.<br><br>Kulħadd qabel ma din l-iskeda tal-pagamenti bil-proponent ikun Reno u sekondant Matthew. |
| | |
| | Il-laqgħa intemmet għal ħabta tal-11.00am u ġiet aġġornat għat-Tlieta 25 ta' Frar 2025, fil-16.30 fil-binja tal-kunsill. |
| | |

Konfermati, illum 25 ta' Frar 2025. .

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

_________________________ | _________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

_________________________
***Proponent***

_________________________
***Sekondant***